MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 17/2009

**George Sciberras (1208-0627).**

**vs.**

**Il-Kumissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mid-decizjonijiet tal-Bord tal-Appelli 29 u 29A/2008 datat 27 ta' Novembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, aktar 'l isfel il-Kummissarju, jinsab aggravat bid-decizjonijiet fuq imsemmija u billi dawn iqanqlu punt ta' dritt, qieghed jintavola dan l-umili appell minnhom.

Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

1. Illi l-Bord tal-Appelli, aktar 'l isfel imsejjah il-Bord, fit-2 ta' Ottubru 2007 kien iddecida fir-rikorsi 81/ u 86A/2005 Doks. "74" – "74 E" illi l-istejjem ghaz-zminijiet ta' taxxa impunjati f'dak ir-rikors kienu nulli billi l-Kummissarju ma kienx ta dritt ghal *review* tal-istejjem provizorji nnotifikati lill-istess George Sciberras, kif ukoll billi l-istejjem finali kienu hargu qabel ma skadew it-30 jum mid-data tan-notifika tal-istejjem provizorji, kif jipprovdi **s-subartikolu 32 (3), tal-Kap. 406.**

2. Illi l-Kummissarju, wara anki parir tal-Avukat Generali, billi l-istejjem kienu ddikjrati *'nulli'* fid-decizjonijiet tal-Bord 81/ u 86A/2005, rega' hareg stimi provizorji godda biss ghaz-zmien ta' taxxa mill-1 ta' Awwissu 2001 sal-31 ta' Lulju, 2002, u mill-1 ta' Awwissu 2002 sal-31 ta' Lulju, 2003 (Dok "96" u "97"), billi ma setax johrog stimi provizorji fuq iz-zminijiet ta' taxxa precedenti ghal dawn iz-zewg perijodi minhabba l-limitu ta' 6 snin mit-tmiem taz-zmien ta' taxxa.

3. Illi l-istejjem provizorji gew innotifikati fid-9 ta' April 2008 (Dok. "105").

4. Illi sussegwentement, harget l-istima finali ghaz-zmien ta' taxxa mill-1 ta' Awwissu 2001 sal-31 ta' Lulju, 2002 (Dok "123") li giet innotifikata fit-18 ta' Awwissu, 2008 (Dok "124 A"), u aktar tard harget l-istima finali l-ohra ghaz-zmien ta' taxxa mill-1 ta' Awwissu 2002 sal-31 ta' Lulju, 2003 (Dok "140"), li giet innotifikata minn zewg Spetturi tad-Dipartiment fis-26 ta' Settembru 2008, kif attestat minnhom.

5. Illi fl-10 ta' Settembru 2008, l-appellant intavola r-rikors lill-Bord tal-Appelli kontra l-istima ghaz-zmien ta' taxxa mill-1 ta' Awwissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2002 - appell 29/2008 (Dok "141"-"141A"), u fit-30 ta' Settembru 2008 intavola dak ghaz-zmien ta' taxxa mill-1 ta' Awwissu 2002 sal-31 ta' Lulju 2003 (Dok. "146"-"146A") - appell 29A/2008.

6. Illi l-Kummissarju wiegeb ghall-ewwel rikors b'Dok "143", u ghat-tieni b'Dok "148".

7. Illi fid-decizjoni tal-Bord li waslet ghand il-Kummissarju fid-29 ta' Ottubru, 2009, il-Bord ordna t-thassir tal-istejjem finali billi skont hu, il-Kummissarju ma setax johrog stejjem barra mill-limitu ta' sitt xhur mid-data tan-notifika ta' l-istejjem provizorji. Il-Bord jinghad bir-rispett illi bbaza dan ir-ragunament fuq interpretazzjoni zbaljata tieghu tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) 11/2008 **"D & S Import/Export Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** iddatata t-13 ta' Frar 2009.

<u>L-aggravju tal-appellant ghad-decizjoni.</u>

8. Illi l-aggravju tal-esponenti Kummissarju jikkonsisti primarjament filli l-Bord iddecieda li meta l-esponenti Kummissarju jikkancella stimi finali, il-partijiet imorru lura *ghall-istatus quo ante,* li jkun l-istadju fejn kien hemm l-istimi provizorji kwistjoni li l-esponenti jaqbel maghha. Izda l-Bord, bid-decizjonijiet li qeghdin jigu issa impunjati, jidher li qieghed jindika li l-esponenti jrid imur lura ghall-ewwel stima provvizorja li jkun hareg u li, fir-ragunament tal-Bord, l-esponenti jista' johrog stima provvizorja darba matul is-sitt snin preskritti fis-**subartikolu 32 (1) tal-Kap 406**.

Illi jrid jinghad li biex il-Kummissarju jkun jista' jerga' johrog stima finali matul iz-zmien preskritt mil-ligi, l-esponenti jrid l-ewwel jikkancella l-istima provvizorja (inkella jkun hemm zewgt istejjem provizorji identici ghall-istess zmien ta' taxxa li ma kinitx l-intenzjoni tal-esponenti), u mbaghad johrog stima finali. L-esponenti jrid johrog stima provvizorja bilfors, peress illi n-nuqqas ta' stima provvizorja jgib il-piena tan-nullita` tal-istima finali. Illi kieku kellu jaghmel kif qieghed jiddecidi l-Bord, kien ikollu jdejh marbutin u xoghlu jigi stultifikat billi s-sitt snin li matulhom jista' jigbor it-taxxa jisfumaw fix-xejn billi **jkun marbut f'perijodu limitat ta' sitt (6) xhur biss kif qieghed jinterpreta l-ligi l-Bord.**

Il-Bord qatt waqt is-smigh tal-appelli ma staqsa jekk l-esponenti kienx jikkancella l-istejjem provizorji qabel ma johrog stejjem finali, u ghaldaqstant, l-esponenti ma kellux hjiel li l-Bord kien sejjer jasal ghad-decizjoni tieghu li l-istejjem provvizorju jibqghu validi.

Illi l-prassi li kull meta sejra tohrog stima finali, l-istima provvizorja taghha tigi kkancellata proprju kif gara fil-kaz in ezami. L-esponenti qieghed jannetti l-lista mmarkata “Dok. B” li turi illi l-istejjem provizorji kienu **dejjem** gew ikkancellati.

Illi jidher car illi t-tlett istejjem provizorji ghaz-zmien ta’ taxxa 1 ta’ Awwissu 2001 sal-31 ta’ Lulju 2002 kienu kkancellati tliet darbiet: l-ewwel darba biex tinhareg l-ewwel stima finali; it-tieni darba biex tohrog l-istima finali gdida suggett ghad-decizjoni 81/ u 86A/2005; u t-tielet darba biex terga’ tinhareg l-istima finali suggett tad-decizjoni 29/ u 29A/2008.

L-istess gara ghaz-zmien ta’ taxxa mill-1 ta’ Awwissu 2002 sal-31 ta’ Lulju 2003.

Illi dan ifisser illi ladarba l-partijiet marru lura *ghall-istatus quo ante* lanqas l-istejjem provizorji ma jibqghu jezistu; ghalhekk l-esponenti appellant jidhirlu li sakemm baqa’ fil-parametri taz-zminijiet preskritti fl-**artikolu 32, Kap. 406**, jigifieri s-sitt (6) snin mill-perijodu ta’ taxxa, u sakemm il-Bord ma kienx ippronuncja ruhu fil-mertu dwar l-appelli (**artikolu 34, Kap. 406**), l-esponenti kellu kull dritt li jerga’ johrog stejjem provizorji u wara stejjem finali validi.

9. Illi l-Bord fid-decizjonijiet tieghu precedenti 81/ u 86A/2005 rigward numru ikbar ta’ stimi fuq l-istess appellant, kien iddikjara carament illi l-istejjem rigwardanti dawk id-decizjonijiet kienu **‘nulli’** u qatt ma ddikjara li kellhom jithassru minhabba xi raguni ohra, per ezempju, billi setghu kienu eccessivi. Kieku l-Bord iddikjara li kellhom jithassru ghal raguni legali, il-Kummissarju kien ikun prekluz milli jerga’ johrog kemm l-istejjem provizorji kif ukoll aktar tard dawk finali minhabba l-provvediment

tal-**artikolu 35, Kap. 406** illi jistipola li l-Kummissarju ma jistax jiftah mill-gdid kwistjonijiet decizi f'appell.

10. Illi l-**artikolu 32**, jaghti poter lill-Kummissarju biex l-ewwel johrog stejjem provizorji u mbaghad dawk finali, fil-parametri ta' zmien kif hemm preskritt. Imkien ma jghidu, kif ta x' jifhem il-Bord, **li l-Kummissarju seta' biss johrog stima finali darba fis-sitt snin preskritti.**

11. Illi s-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell dwar il-**Queens Pastizzerija** (ippublikata bhala kaz 108), kif ukoll dawk recenti dwar **Joseph Gauci** (kaz 9/2008, deciz fit-30 ta' Ottubru 2008), u dik ta' **D & S Import/Export Ltd. (kaz 11/2008,** deciz fit-13 ta' Frar 2009) gharfu d-dritt tal-Kummissarju li jista' jikkancella stejjem u johrog ohrajn minflokom.

12. Illli anke logikament isegwi illi meta l-Kummissarju jikkancella stima finali, **bil-fors irid jikkancella wkoll dik provvizorja,** inkella jekk ihalli dik provvizorja, kif indika l-Bord fid-decizjoni appellata, **stima finali gdida tkun ittellghet wara l-limitu tas-sitt xhur min-notifika tal-istima provvizorja b' hekk tkun invalida.**

Illi l-istima nnotifikata wara l-gheluq tas-sitt xhur imsemmija hija invalida, kif jaf tajjeb dan il-Bord, li ddikjara invalidi numru ta' stejjem li kienu nnotifikati wara li skada dan it-terminu ta' sitt xhur, per ezempju bid-decizjoni numru 94/2005, deciza mill-istess Bord fl-4 ta' Lulju 2008 (Dok "A").

13. Illi l-konkluzjoni li l-Bord deherlu li gibed mid-decizjoni msemmija tad-D & S Import/ Export Ltd, ma taghmilx sens, ghaliex il-Qorti qatt ma gibdet dik il-konkluzjoni, kif ukoll, kieku kellu jsir kif qieghed jghid il-Bord, il-Kummissarju jrid johrog stima finali darba biss billi s-sitt xhur rari jippermettulu zmien adegwat biex ihassar stima finali u johrog ohra minnflokha. Jista' jigri, jekk wiehed irid jaqbel mal-Bord, illi jekk wara li persuna tkun innotifikatata bi stima finali, u trid tasal fi ftehim mal-Kummissarju, din ma tkunx tista', ghaliex ma jkunx jista' jerga' johrogilha stima gdida fuq dak miftiehem billi jkunu

ghaddew is-sitt xhur mid-data tan-notifika tal-istima provvizorja. Li kieku kellha tigi abbraccjata t-tezi tal-Bord, il-perijodu ta' sitt snin li ghandu l-esponenti biex jigbor it-taxxi dovuta lilu jigi stultifikat, haga li zgur illi qatt ma ghaddiet minn ras il-Legislatur.

Illi fil-fehma tal-esponenti huwa kontrosens illi l-Bord ighid illi meta jigi deciz illi stimi finali huma invalidi, u z-zewg partijiet jitpoggew fl-*istatus quo ante,* dan ifisser illi l-istimi provizorji jibqghu validi. **Stima provvizorja minghajr stima finali ghandha nuqqas ta' certi poteri,** li juru ghaliex stima finali jrid ikollha stima provvizorja li tkun harget **qabilha,** u fiz-zmien preskritt:

• l-ebda persuna ma tista' tirrikorri lill-Bord abbazi ta' stima provvizorja - il-kliem tal-**artikolu 43** huwa car, kif ukoll

• huma kliem l-**artikolu 36** vigenti fiz-zminijiet ta' taxxa impunjati:

***36. Meta ssir stima ghal zmien ta' taxxa kull ammont ta' taxxa u tnaqqis kalkolat f'dik l-istima jkun meqjus, hlief jekk u sal-limitu li l-istima tkun imhassra jew riveduta, li jkun u li dejjem kien it-taxxa u t-tnaqqis fil-fatt dovuti u permessi, ghal dak iz-zmien ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' dan l-Att.***

14. Illi dan il-kliem mhuwiex estiz ghal stima provvizorja, tant hu hekk illi fl-**artikolu 2 tal-Att**, il-kelma *stima* hija definita li *'ma tinkludix stima provvizorja',* jigifieri, ma tistax tintalab it-taxxa abbazi ta' stima provvizorja. Diga` gie accennat illi l-anqas ma tista' tintavola rikors abbazi ta' stima provvizorja biss. Jinghad bir-rispett illi l-kummenti barra minn posthom mill-Bord dwar il-kaz ta' Joseph Ciscaldi fit-tarf ta' pagna 7 tad-decizjoni *de quo,* jistghu juru kemm hi fiergha l-insistenza tal-Bord li meta l-Kummissarju jhassar stima finali, tibqa' valida dik provvizorja. Fil-kaz ta' Joseph Ciscaldi, kieku thassru biss l-istejjem finali, l-appellant hemmhekk qatt ma seta' jiehu lura r-rifuzjoni tal-*Input VAT* li ppretenda, ghaliex kien jibqa' hemm talba ghal dik it-taxxa, li l-Kummissarju ma

jistax jinforza; bilfors trid tohrog stima ohra li turi li Joseph Ciscaldi ma kellu jaghti xejn lill-Kummissarju, u li effettivament taghtih dik ir-rifuzjoni lura.

15. Illi fid-decizjoni *de quo* l-Bord dahhal ukoll kwistjonijiet rigward ir-rikors 24/2007 - **Ballut Blocks (Services) Ltd**. illi sallum ghadu mhux deciz u anqas u anqas ghadha ma tqassmet id-decizjoni lill-Kummissarju. Il-Kummissarju huwa fil-pozizzjoni mpossibbli li ma jistax jiddefendi ruhu dwar l-eventwali decizjoni 24/2007 jekk sejra tohrog kif indika l-Bord, billi fil-prezent ghadu ma jafx ir-ragunament kollu tal-Bord, u billi jidher car li hemm tahlita ta' kwistjonijiet bejn ir-rikors 24/2007 u l-prezenti *29/* u 29A/2008, kif sejjer jigi spjegat aktar 'l isfel. Minhabba dan, il-Kummissarju ma jistax jiddefendi ruhu minn decizjoni li ghadha mhix innotifikata lill-partijiet, u hawnhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ticcensura dan l-agir tal-Bord u l-fatt illi qieghed jaghmilha difficli ghall-esponenti illi jikkonsulta mal-processi li jkollu l-Bord meta jkun qieghed jara jappellax minn xi decizjoni - agir illi qieghed jaghmillu xoghlu difficli.

16. Illi fil-paragrafu twil dwar il-kaz 24/2007, il-Bord hallat kwistjonijiet li jistghu jqumu f'dik id-decizjoni, izda li huma estranei ghad-decizjoni 29/2008 u 29A/2008.

Illi fil-fehma tal-esponenti l-Bord zbalja sew meta qal li l-Kummissarju fil-kaz ta' George Sciberras 81/2005 u 86A/2005 li kien '*inkoncepibbli li matul is-sitt xhur, il-Kummissarju jew ma jkun hareg ebda stima definittiva jew ikun hareg wahda diffettuza…'* Fil-kaz prezenti ta' George Sciberras, il-Kummissarju:

• Kien hareg l-istejjem provizorji fl-4 ta' April 2008 (Doki "96" u "97");

• Innotifikahom fid-9 ta' April 2008 (Dok "105");

• Hareg l-istima finali ghall-1 ta' Awwissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2002 fit-02/07/2008 (Dok "123");

• Innotifikaha fit-18 ta' Awwissu 2008 (Dok "124 A")

• Hareg l-istima finali ghall-1 ta' Awwissu 2002 sal-31 ta' Lulju 2003 fit-22 ta' Settembru 2008 (Dok "140");

• Innotifikaha permezz ta' zewg Spetturi Dipartimentali fis-26 ta' Settembru 2008 (Dok "144"). Dan kien accettat mir-rapprezentant tal-appellant kif riportat fl-ewwel pagna tad-decizjoni tal-Bord.

Illi jidher car illi l-Bord kien totalment zbaljat rigward l-istejjem tar-rikors ta' George Sciberras fil-paragrafu twil imsemmi. L-istejjem finali kienu nnotifikati sew fis-sitt xhur li l-ligi tippreskrivi.

17. Illi huwa wkoll inkoncepibbli li l-Bord jerga' jiggudika u jikkommenta dwar id-decizjoni tieghu stess fuq ir-rikorsi 81/ u 86A/2005 dwar l-istess persuna fil-paragrafu fejn isemmi li l-Kummissarju hareg stejjem provizorji fl-1 ta' Gunju, 2005. Dawk id-decizjonijiet illum huma *"ora mai" "res judicata"* u m'ghandhomx jergghu jitqajmu qishom sejrin jergghu jigu decizi mill-gdid mill-Bord.

18. Illi l-Kummissarju appellant ukoll jikkritika l-ispekulazzjoni mill-Bord dwar ghemil l-istess Kummissarju fil-kaz ta' Joseph Ciscaldi (kaz 95/2006). Il-Bord anki f'dak il-kaz ma kienx jaf ghaliex il-Kummissarju kien sejjer ihassar l-istejjem, u l-Bord lanqas ma kellu l-ebda intimazzjoni jekk il-Kummissarju kienx sejjer jerga' johrog stejjem provizorji godda. Il-fatt kien li l-Kummissarju kien sejjer ihassar dawk l-istejjem billi ra li l-appellant kellu ragun, u jew bit-tahsir tal-istejjem, jew bid-decizjoni tal-Bord, l-appellant hemmhekk kien sejjer jasal ghall-istess punt - ir-rifuzjoni tal-*Input* VAT.

Illi kieku l-esponenti kellu joqghod fuq it-tezi tal-Bord ma kienx ikun possibbli li jerga' johrog stejjem godda li bihom ikun jista' jaghti rifuzjoni ta' *input vat* lil *taxpayer* kif jesigi l-Att u kienet issir ingustizzja billi *t-taxpayer* ma jiehux dak li haqqu skont il-ligi, haga li l-ligi certament ma tridx.

19. Illi l-esponenti jipprotesta ghar-rifjut tac-*Chairman* tal-Bord meta rrifjuta t-talba tal-esponenti biex jezamina l-

*file* tal-Bord fir-Registru tal-Bord. L-anness Dok "C" jirreferi ghall-kwistjoni, fejn tidher ic-cahda tal-Bord.

Illi l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tidderigi lill-istess Bord li l-partijiet quddiem l-istess Bord ghandhom id-dritt li jezaminaw l-inkartament tal-Bord kif preskritt fl-**artikolu 115 tal-Kap 12** u li jara li l-affarijiet ma jaghmilhomx difficli biex dan il-ghan jintlahaq ghall-ahjar interess tal-gustizzja.

20. Illi billi *repetire juvat* ta' min ifakkar illi biex il-Kummissarju jkun jista' jerga' johrog stima finali matul is-sitt snin preskritti mil-ligi jrid johrog stima provizorja bilfors, peress illi n-nuqqas ta' stima provizorja jgib il-piena tan-nullita` tal-istima finali - kif addirittura ghallem l-istess Bord.

Illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tenfasizza fuq il-Bord id-dritt tal-esponenti appellant li jara l-inkartament tal-Bord minghajr ma kull darba formalment irid il-permess *tac-Chairman* tal-Bord.

Ghaldaqstant l-esponenti Kummissarju filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha u jirriserva li jaghmel osservazzjonijiet ulterjuri u jressaq xhieda ohra u jesebixxi d-dokumenti kif permessi mil-ligi, jitlob bir-rispett ghar-ragunijiet suesposti, u dawk li jingabu waqt it-trattazzjoni tal-kaz, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tilqa' l-appell tal-esponenti billi:

Joghgobha tirrevoka, thassar, tannulla u tikkancella d-decizjoni tal-Bord fl-ismijiet premessi fejn iddecieda illi l-istejjem provizorji originali ghadhom validi; u tikkonferma t-tezi tal-esponenti Kummissarju illi jista' jerga' johrog stejjem provizorji godda meta jkun ikkancella stejjem finali, sintendi meta jkun qieghed jagixxi fil-parametri tal-**artikolu 32 u 35 tal-Kap 406.**

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat id-dokumenti esebiti minn fol 10 sa fol 24 tal-process.

Rat li l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza fit-8 ta' Frar 2010 (fol 27).

Rat ir-risposta tal-Appell ta' **George Sciberras** ghar-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, datata 18 ta' Mejju 2010 a fol 30 tal-process fejn espona:-

1. Illi l-appellat George Sciberras jirritjeni d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (aktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord") datata 21 ta' Ottubru 2009 (appelli numri 29/08 u 29A/08), bhala wahda gusta u li timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti. Minn qari tal-istess decizjoni wiehed jintebah li l-Bord dahal *funditus* fil-kwistjoni quddiemu agitata u li l-kunsiderazzjonijiet intraprizi huma logici, gusti u konsegwenzjali ghad-dispozittiv tal-istess decizjoni.

2. Illi ghaldaqstant - in aggjunta mal-osservazzjonijiet illi sejrin isegwu aktar 'il quddiem fil-prezenti risposta - l-appellat Sciberras jabbraccja tali kunsiderazzjonijiet tal-Bord u jaddottahom *a suo favore* b'risposta ghall-aggravji sottomessi mill-Kummissarju appellant.

3. Illi qabel ma l-appellat jghaddi biex jesponi l-argumenti tieghu bi tewgiba ghal dak misjub fir-rikors tal-appell, jkun siewi li jirregistra s-segwenti punti fattwali:

(i) Illi fis-sena 2004 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien hareg zewg stejjem (provizorji u definittivi). Wahda ghall-perjodu Awwissu 2001 sa Lulju 2002 ghal €1,235.08 u ohra ghall-perjodu Awwissu 2002 sa Lulju 2003 ghal €5,012.90.

(ii) Illi sussegwentement, *di sua sponte* u qabel ma sar appell fuqhom mit-*taxpayer,* il-Kummissarju ghazel li jikkancella tali zewg stejjem.

(iii) Wara tali kancellament, il-Kummissarju rega' ghadda ghalbiex hareg l-identici stejjem (kemm provizorji u kemm definittivi) rigwardanti l-istess perjodi, izda b'varjazzjoni fic-cifri ezigibbli. L-istejjem provizjorji kienu

nhargu fil-21 ta' Mejju 2005 u gew notifikati fl-1 ta' Gunju, 2005.

(iv) Illi l-persuna registrata (l-appellat Sciberras) ntavola zewg appelli minn tali stejjem (appelli numri 81/05 u 86A/05) u b'decizjoni datata 2 ta' Ottubru 2007 il-Bord kien iddecieda li l-istejjem definittivi (izda mhux dawk provizjorji (*Ara decizjoni tal-Bord (fl-appelli nri. 29/08 u 29A/08) a pagina 6 taghha fejn il-Bord specifikatament iddikjara illi n-nullita` kienet dwar l-istimi definittivi*), kienu nulli u bla ebda effett *stante* li nhargu in vjolazzjoni tal-**artikolu 32 (3) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta**, ossija l-istejjem definittivi nhargu prematurament qabel it-30 jum min-notifika ta' dawk provizjorji.

(v) Illi minn tali decizjoni l-Kummissarju ma avallax ruhu mill-**artikolu 47** tal-appena menzjonata Ligi u ghaldaqstant dik id-decizjoni tal-Bord baqghet inappellata u, allura, ghaddiet in gudikat.

(vi) Illi sussegwentement fis-sena 2008, u ghat-tielet darba, il-Kummissarju rega' hareg stejjem provizjorji u ohrajn definittivi fuq l-istess materja, ammonti u perjodi ta' taxxa. L-istejjem provizorji gew entrambi u simultanjament notifikati lill-persuna registrata (lill-odjern appellat) fid-9 ta' April 2008, filwaqt li l-istejjem definittivi gew notifikati separatament, wahda fit-18 ta' Awwissu u l-ohra fis-26 ta' Settembru tas-sena 2008.

(vii) Illi l-istejjem msemmija fil-paragrafu precedenti huma s-suggett tal-proceduri prezenti wara li l-Bord iddecieda illi l-istejjem definittivi kienu inammissibbli, invalidi u ineffikacji galadarba l-Kummissarju kien tardiv meta rega' hareg l-istess [dekorriment tas-sitt xhur ai sensi tal-**artikolu 32 (3)** gja` indikat]. Minn tali decizjoni, twieled id-diverbju raffigurat fil-prezenti appell.

4. Illi spjanat dan it-terren introduttiv, l-appellat Sciberras jghaddi issa biex jesprimi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt hekk kif marbuta mal-punti fattwali *supra* elenkati.

5. Illi hekk kif johrog mid-doljanzi misjuba fir-rikors promotur, l-appell odjern idur u jiffoka principalment fuq jekk it-thassir tal-istejjem dikjarat mill-Bord fil-para. (vii) sovra, ghandux ukoll ifisser thassir awtomatiku tal-istejjem provizorji precedenti. Ghalhekk - in aggjunta mal-osservazzjonijiet dettaljati tal-Bord fl-appelli bin-numri 29/08 u 29A/08 - l-appellat Sciberras ser jissottometti u jespandi l-argumenti tieghu hawn isfel, bi twegiba ghas-sottomissjonijiet avvanzati mill-Kummissarju appellant.

6. Illi ta' min jissottolineja illi dan l-appell ma giex intavolat biex jikkuntrasta u jimpunja d-dikjarazzjoni ta' nullita *ut sic* tal-istejjem, izda l-lamentela hija dwar l-effikacja u/jew l-effetti ta' tali dikjarazzjoni. Il-Kummissarju appellant jghid illi, "... *logikament isegwi illi meta l-Kummissarju jikkancella stima finali, bil-fors irid jikkancella wkoll dik provizorja."* (para. 12 tar-rikors ta' appell) Ir-ragunament tal-appellant in sostenn ta' tali tezi hija li jkun "... *kontrosens illi l-Bord ighid illi meta jigi deciz illi stimi finali huma invalidi, u z-zewg partijiet jitpoggew fl-istatus quo ante, dan ifisser illi l-istimi provizorji jibqghu validi."* (para. 13 tar-rikors ta' appell) Ghalhekk, il-Kummissarju appellant qieghed jakwijixxi mad-dikjarazzjoni ta' nullita` ta' l-istejjem definittivi/finali, izda mhux dwar l-effett non-retroattiv taghha. Bazikament, l-appellant jikkontendi li tali nullita` ghandha jkollha effett retroattiv u, bhala korollarju, tinnewtralizza l-validita` tal-istejjem provizorji antecedenti. Naturalment, l-appellat Sciberras ma jaqbilx mal-interpretazzjoni li l-Kummissarju qed jadduci 'l quddiem b'dan il-gravam.

7. Illi l-ewwel u qabel kollox l-argument tal-Kummissarju ma jaghmilx sens, kemm guridikament u kemm fattwalment. Tigi senjalata d-decizjoni tal-Bord datata 2 ta' Ottubru 2007 (appelli 81/05 u 86A/05 *Il-Kummissarju appellant ghogbu jannetti kopja ta' tali decizjoni mar-rikors ta' appell tieghu (immarkata bhala Dok: "74" - "74 E*") li turi bic-car illi l-kwistjoni hemm agitata giet definita b'mod illi l-Bord kien iddikjara l-istejjem definittivi bhala nulli. F'tali procediment quddiem il-Bord, l-kontenzjoni kienet illi l-istejjem provizjorji kienu lecitament mahruga, izda dawk definittivi le. Il-Bord

ikkwota minn ittra mahruga mid-Dipartiment u qal: "... *id-dipartimerit nforma lill-appellanti [George Sciberras] illi, wara li l-kaz tieghu kien gie ezaminat, l-istejjem provizorji kienu qed jigu konfermati u kienu se johorgu l-istejjem definittivi."* Ghalhekk, il-Bord kien iddikjara l-istejjem definittivi nulli *stante* li kienu mahruga in vjolazzjoni tat-tielet **sub-inciz tal-artikolu 32 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet patria**. Tali disposizzjoni tinnarra hekk: *"Wara li jghaddi zmien ta` mhux inqas minn tletin jum u mhux iktar minn sitt xhur minn notifika ta' stima provizorja lil persuna dwar zmien ta' taxxa, il-Kummissarju jista' jaghmel stima tal-output tax* ..." (ara decizjoni tal-Bord (appell nri, 29/08 u 29A/08) a pagna 2 fejn hemm mghadud illi l-Kummissarju, "... *kien hareg l-istejjem definittivi f'inqas minn 30 jum wara l-hrug tal-istejjem provizjorji, bi ksur tal-artikolu 32 tal-ligi"*). *Stante* li l-istejjem definittivi gew mahruga qabel l-imsemmija 30 jum min-notifika ta' dawk provizjorji, l-istess kienu ineffettivi. Qari tad-decizjoni turi bic-car l-intenzjonijiet tal-Bord. Intenzjoni li giet imbaghad kristallizata mill-istess Bord meta fid-decizjoni sussegwenti tieghu fuq l-appelli numri 29/09 u 29A/09 espressament qal illi, "*is-Sur Sciberras intavola l-Appelli Numri 81/05 u 86A/05 u dan il-Bord iddecieda li dawk l-istejjem definittivi* ***<u>(imma mhux l-istejjem provizorji)</u>*** *kienu nulli.'* (*Enfazi tal-esponenti appellat.)*

8. Illi minn dan jiddixxendi illi l-istejjem provizorji mahruga fil-21 ta' Mejju 2005 u li gew notifikati fl-1 ta' Gunju 2005 ghadhom veljanti u validi ghax qatt ma gew ritirati mill-Kummissarju (hekk kif kien ghamel immedjatament wara li kien harighom fis-sena 2004), qatt ma gew dikjarati nulli u bla ebda effett b'dikjarazzjoni esplicita tal-Bord u, *daltronde,* qatt ma sar appell *ad hoc* mid-decizjoni tal-Bord datata 2 ta' Ottubru 2007. Dan jikkombacja perfettament ma' kliem il-Bord fid-decizjoni li hawnhekk qed tigi mpunjata fejn insibu ritenut li, *"Il-Bord jifhem li tali sitwazzjoni kienet li l-Kummissarju kien hareg stejjem provizorji u ma kienx hareg stejjem definittivi. L-istejjem provizorji ma kienux nulli u ghalhekk baqghu validi u jorbtu." (p.* 5 tad-decizjoni).

9. Illi ma` dan, naturalment, il-Kummissarju appellant ma jaqbilx u l-motiv il-ghala b'dan l-appell hu qed jiddiskosta ruhu minn tali ragunament hija ovvja. Bid-dikjarazzjoni biss tan-nullita` tal-istima definittiva minghajr dikjarazzjoni tal-istess portata dwar dik provizorja, l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jinsab *oggi giorno* prekluz milli jkompli javvanza l-pretensjoni fiskali tieghu kontra l-persuna registrata *stante* li t-terminu perentorju ta' 6 xhur sancit fl-**artikolu 32 (3) tal-Kapitolu 406** hu *ormai* dekors. Huwa ghalhekk li l-Kummissarju appellant assidwament irid li d-dikjarazzjoni ta' nullita` testendi lura fiz-zmien, halli tolqot anke l-istejjem provizjorji. Madanakollu dan hu ezercizzju nkoncepibbli *stante* li, *"Dak it-terminu ta' sitt xhur huwa perentorju daqs it-terminu l-iehor ta' sitt snin. Il-Kummissarju jkun qed igib fix-xejn dak it-terminu jekk jithalla li ripetutament, wara li johrog stima provizorja, huwa jhalli z-zmien preskritt ta' sitt xhur jiskadi u mqar wara snin jerga' johrog stima ohra identika bl-unika limitazzjoni tas-sitt snin."* (p. 5 tad-decizjoni tal-Bord).

10. Illi kif sew argumentat mill-Bord, il-Kummissarju kellu zmien ampju sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet fiskali tieghu fuq il-persuna registrata u ladarba ghazel u ddecieda li jattiva ruhu u jpoggi l-makna fiskali *in operazione* (billi johrog u jinnotifika stejjem provizjorji lit-*taxpayer),* imbaghad jiskattaw obbligi u mizuri sanciti fl-imsemmi **artikolu 32** li jinnecessitaw osservanza *ad unguem.* Dwar dan, il-Bord esprima ruhu hekk: "*Il-legislatur ma riedx li l-Kummissarju, wara li jaghmel akkuza permezz ta' stima provizorja, jibqa' jittituba u ma jiehux decizjoni finali billi johrog jew ma johrogx stima definittiva* [...] *Huwa inkoncepibbli li, matul is-sitt xhur, il-Kummissarju jew ma jkun hareg l-ebda stima definittiva jew ikun hareg wahda difettuza u ma jirrimedjax fl-istess perjodu, filwaqt li jhalli lit-taxpayer suggett ghall-incertezza ghal snin shah jekk, minkejja li l-azzjoni kontrih tkun waqfet, jergax jigi ffaccat mill-gdid bi stima provizorja ohra bhallikieku ma kien gara xejn; u jekk ghat-tieni darba l-process jerga' ma jitkompliex, jerga' ma jkun gara xejn mil-lat tal-Kummissarju ghax dan kull ma jkollu jaghmel hu li ghat-tielet darba johrog stima provizjorja ohra identika*

*b'data ohra u jerga' jibda' l-process."* (p. 6 tad-decizjoni tal-Bord) Hekk kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem, jkun assai infelici li l-eghmil tal-Kummissarju, fil-qafas tal-ligi li tirregola l-materja *de qua,* jkun wiehed arbitrarju li jpoggi fi skwilibrju l-jeddijiet u obbligi bejn erarju u *taxpayer.*

11. Illi l-argument tal-Kummissarju appellanti huma wkoll fallaci mill-ottika guridiko-legali. In succint il-Kummissarju qed jikkontendi li l-istejjem provizjorji huma kolpiti mill-istess nullita` tal-istejjem definittivi dikjarata mill-Bord, cioe` li d-dikjarazzjoni ta' nullita` tal-istima definittiva, kellha tigi komunikata retroattivament ghal dak kollu li sehh u gie mwettaq qabilha. *Inoltre*, ghalkemm ukoll jghid li l-partijiet ghandhom jitpoggew fl-*istatus quo ante* (para. 8 tar-rikors ta' appell), il-Kummissarju jitlef di mira li tali *status quo ante* riferut huwa effettivament dak l-istadju ta' qabel ma nhargu l-istejjem definittivi, u mhux dak ta' qabel l-istejjem provizjorji. Dwar dan, l-appellat jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

12. Illi skont l-ordinament guridiku Taljan, ai sensi tal-**artikolu 159** (*primo comma*) tal-kodici procedurali taghhom, *"La nullita di un atto non importa quella degli atti precedenti, ne di quelli successivi che ne sono indipendenti."* Fil-kodici ritwali patria ma nsibux *verbatim* dan il-kliem, izda l-**artikolu 98** tal-kodici ritwali *patria* jiddisponi illi, *"L-atti gudizzjarji, maghmulin bis-sahha ta' att null jew li gejjin minn att null, huma wkoll nulli."* Il-legislatur hawnhekk ikkontempla biss ghal dawk l-atti li jigu wara att affett jew kolpit minn nullita`, u baqa' silenzjuz dwar ix-xenarju ta' x'jigri lill-atti li jkunu jipprecedu tali att null. Risposta ghal tali posizzjoni legaislattiva nsibuha fil-brokkard antik *"ubli lex voluit, lex dixit".* Ghalhekk, dak li ried il-legislatur, gie espress, filwaqt li dak li ma riedx, ma tnizzilx.

13. Taht dan il-profil ta' ragunament, id-duttrina legali, hekk kif imhaddna mill-gurisprudenza tat-tribunali taghna, abbraccjat din il-posizzjoni. In tema generali, jinghad illi, "... *la nullita di un atto porta seco quella di tutti gli atti consecutivi che da esso dipendono, doe, che abbiano con quello un nesso logico e giuridico, perche in tal caso*

*manca a questi ultimi il valido presupposto della loro esistenza."* ("Il **Digesto Italiano", UTET 1905; Vol.XVI - vuci: *"nullita` degli atti di procedura",* p.534) Wiehed imbaghad ghandu jaghmel distinzjoni bejn atti konsekutivi u dawk anterjuri ghall-att kolpit b'nullita`. Dawn tal-ahhar, "... *vivono di vita propria, e percio non posson risentire le conseguenze della nullita dell'altro, col quale non sono in rapporto* [...] *essi hanno acquistato vita e validita` prima ancora deiresistenza di quello successive annullato; e come vicevano ed erano validi prima che questo esistesse, cosi non risentono alcuna influenza dall'annullamento di esso e per cui il medesimo si ha come mai esistito." (ibidem}.*

14. Illi l-awturi **Pisanelli, Scialoja u Mancini** jiktbu b'mod konciz, izda inciziv, illi, *"La nullita` di un atto non trascina quella degli altri atti antecedenti o susseguenti, che non abbiano un'intima relazione fra loro."* ***("Comentario del Codice di Procedura Civile",*** Napoli 1875; Vol.1, 717 p.468) Illi b'mod aktar dettaljat jinsab mghallem mit-trattist **Lodovico Mortara** illi, *"Essendo il processo costituito da una serie di atti, congiunti fra loro da nesso logico e giuridico, giova distinguere tra quelli che precedettero l'atto annullato e quelli che per avventura l'abbiano susseguito. Cancellata, per virtu` dell'annullamento, la esistenza dell'atto viziato, quelli che precedettero non subiscono veruna diretta conseguenza. Una ripercussione indiretta talvolta ne ricade anche sopra di essi; imperocche`, se l'atto nullo non potesse essere rinnovato per la scadenza del termine pperentorio, l'impedita rinnovazione togliera forse agli altri atti anteriori la idonieta` a produrre effetto utile. Ma non per questo essi diventano nulli net senso legate. Invece, il vizio del la nullita` si comunica agli atti consecutivi."* **("Commentario del Codice e Delle Leggi di Procedura Civile",** 3[a] ed.; Vol.11, 641 p.820).

15. Illi anke awtorevoli awturi kontemporanji jiktbu illi dan il-principju "... *e un evidente portato' del mondo di essere e di svolgersi del processo giurisdizionale, per cui appare con forme a logica e al diritto che l'invalidita` di un atto non si trasmetta a quelli precedenti."* **(Girolamo**

**Monteleone,** “Manuale di Diritto Processuale Civile”, 4[a] ed. CEDAM, 2007; Vol.1 p.314) B’hekk naraw illi aktar milli kuncett prettament guridiko-legali, din hi normattiva procedurali dettata mill-logika u mill-bwon sens, cioe` li d-dikjarazzjoni ta’ nullita` (ndipendenti jekk hijiex relattiva jew assoluta) tintakka ma’ oggett (l-att) u taf tinfluwenza dak li minnu jorigina fi kronologija *ex posterior,* izda qatt ma tirriverbera fuq atti *ex anterior.* L-uniku effett tad-dikjarazzjoni ta’ nullita` tasal retroattivament ghall-att attakkat *sic et simpliciter,* izda mhux aktar lura. Dan hu bazikament li ghamel il-Bord fil-kaz odjern u li issa l-Kummissarju appellant qed jipprova jattakka.

16. Riflessjoni ta’ dan il-hsieb u taghlim gie, sa recentement, akkolt b’approvazzjoni shiha minn din l-Onorabbli Qorti ta’ Appell fil-kawza fl-ismijiet **Charles Vella noe vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Inferjuri, 11 ta’ Dicembru, 2009). F’dan il-gudikat insibu affermat illi, *"Hu del resto principju rikonoxxut fil-kamp civili u accettat bhala wiehed logiku guridiku illi n-nullita` tolqot l-att li jkun sar u l-atti l-ohra successivi ghalih izda mhux ukoll li dik l-istess nullita` tigi trasmessa ghal dawk l-atti l-ohra anterjuri ghax dawn ghandhom jibqghu jikkonservaw l-identita` formali u specifika taghhom u, wkoll, l-effetti guridici awtonomi li jinzlu minnhom. Li jfisser, allura illi ma jkunx hemm lokha r-rinnovazzjoni ta’ dak l-att mhux milqut minn nullita`”.*

17. Illi, apparti l-affermazzjoni tac-citat principju, l-appellat jigbed l-attenzjoni u jirrileva illi **s-sentenza citata fil-paragrafu ta` qabel dan kellha fattispecji simili hafna ghall-kwistioni *de qua.*** L-appellant jaghmel referenza ghal dawk il-partijiet ta’ dik is-sentenza li jirrikalkaw il-kronologija tal-fatti kif esposti mill-Qorti tal-Appell u, in sostenn tal-prezenti risposta tieghu, jaghmel referenza ghal bran li jghid hekk: *“Huwa fatt illi skont ma jiddixxendi mill-**Artikolu 32 tal-Kapitolu 406** l-process relattiv ghall-hrug ta’ stejjem, fil-kaz li l-Kummissarju jkollu ghaliex jahseb li d-denunzja tat-taxxa ma jkunx fiha dikjarazzjoni shiha u korretta, tippartecipa minn **zewg stadji separati** (i) il-hrug ta’ stejjem provizorji, hekk intiz ghall-iskop li jaghti opportunita` lill-persuna registrata li*

*tressaq l-obbjezzjonijiet taghha u possibilment tassikura l-varjazzjoni taghhom, u (ii) il-hrug ta' stejjem definittivi u finali u li, skont is-subinciz (3) tal-imsemmi artikolu, jridu jinhargu mhux anqas minn 30 jum u mhux aktar minn 6 xhur minn notifika tal-istimi provizorji. Din ir-riklassifikazzjoni tal-process qieghda appozitament issir mill-Qorti b'introduzzjoni ghall-mistoqsija fundamentali li evidentement tinsorgi dwar jekk in-nullita` dikjarata tal-istejjem bis-sentenza tal-Bord ... kinetx tikkolpixxi simultanjament sew l-istejjem finali li fuqhom ikun sar l-appell mill-persuna registrata, sew ukoll dawk l-ohra provizorji."* Bi twegiba skjetta ghal dan il-kwezit appena post, din il-Qorti f'dik is-sentenza wiegbet illi, *"Il-Kummissarju appellat jargumenta li hekk kien il-kaz tant li rega' hareg sew stimi provizorji sew dawk finali. Ma dan l-argument din il-Qorti rispettosament ma taqbilx. In-nullita` profferita mill-Bord kienet wahda limitata ghall-istejjem finali ghax fuq dawn kien sar l-appell u kwindi dik l-istess nullita` ma setghetx tivverbera ruhha b'xi estensjoni taghha fuq l-istimi provizorji li kienu u baqghu validi u effettivi."* Dan huwa ezattament dak li sostna l-Bord u dak li qed jigi sottopost mill-odjern appellat.

18. Illi wara dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata kompliet telabora li, *"Tradott ghal kaz in ispecje dan ghandu necessarjament u ragonevolment ifisser illi l-istejjem provizorji, la ma kienux huma wkoll affettwati minn nullita` ddikjarata, kellhom jibqghu jissussistu. Dik is-sussistenza taghhom kienet timplika, imbaghad, il-verifika ta' kull preskrizzjoni (rettament dekadenza) li l-persuna registrata setghet topponi ghall-istejjem* ex novo *emessi, u dan in virtu` ta' dak dispost fis-**subinciz (3) tal-artikolu 32**."* Finalment, din il-Qorti ddikjarat u ddecidiet il-punt billi sostniet li, *"kieku ghall-grazzja tal-argument jigi ragunat xort'ohra, dik l-interpretazzjoni diversa tinzel comb fuq ras il-persuna registrata li jkollha,* nolens volens, *tissubixxi l-qaghda abbissimali u perenni li ma jkollha qatt, jghaddi kemm jghaddi zmien, ic-certezza tal-posizzjoni fiskali taghha fir-rigward tal-perjodi specifici ta' taxxa. Ma jidhirx li qaghda bhal din tista' qatt taskrivi ruhha ghal dik il-volonta` tal-legislatur li ddetta l-ligi. Fic-cert zgur ma taspirax ghal dik*

*il-korrettezza fiskali li hu dejjem mistenni li jissussisti fir-rapport bejn taxpayer u l-Fisco."*

19. Illi dwar ir-rimissjoni ghall-i*status quo ante* tal-partijiet kif argumentat mill-Kummissarju hawn appellant fil-paragrafu 8 tar-rikors ta' appell tieghu, fl-istess kwotata sentenza ta' din il-Qorti kien gie deciz illi, "... *l-partijiet jergghu jitqieghdu fis-sitwazzjoni li kienu qabel ma sehh l-att li kkawza n-nullita." In altre parole,* l-partijiet jigu mqieghda f'dak il-preciz istanti qabel mal-istejjem definittivi *de qua gew* emessi u mhux qabel ma dawk provizjorji gew mahruga, ghax kienu biss dawk tal-ewwel li gew inficjati.

20. Illi qabel mal-appellat Sciberras jaghlaq din it-twegiba, jemmen li jkun floku kliem din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza recenti fl-ismijiet **Ballut Blocks (Services) Limited vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Inferjuri, 26 ta' Marzu 2010). Hemm fiha niltaqghu mar-rimarka illi, "... *din il-Qorti, kif drabi ohra senjalat minnha, temmen li r-rapport bejn taxpayer u l-Fisco ghandu jkun dejjem karatterizzat mir-rispett tan-normi tal-ligi li jiddixxiplinaw dak l-istess rapport fiskali biex ebda parti ma tittanta tabbuza minnhom. Jekk allura, wisq korrettement il-Fisco jesigi minghand it-taxpayer ottempranza rigida u shiha mal-provvedimenti tal-ligi, hekk ukoll hu mistenni li l-istess Fiscojadotta huwa stess ghalih, bhal mod ta' mgieba, l-istess atteggjament irrigidit u fidili mad-dettami tal-ligi."*

21. Ghaldaqstant, *in vista* tar-ragunijiet suesposti, l-appellat George Sciberras jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-appelli bin-numri 29/08 u 29A/08 fl-ismijiet hawn sovra premessi, bl-ispejjez kollha ta' dan l-episodju a kariku tal-istess Kummissarju appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Philip Scicerras tal-11 ta' Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-

Avukati difensuri tal-kontendenti. Peress illi l-appellant huwa hu l-iMhallef sedenti, il-Qorti rat l-**artikolu 734 (1) (b) tal-Kap 12**, u astjeniet ruhha milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-appell u rrimettiet l-atti lura lir-Registratur tal-Qorti biex dan jassenja dan l-appell lill-iMhallef iehor. Ordnat ghalhekk il-kancellament tal-istess minn fuq il-lista tal-appelli taghha.

Rat is-surroga datata 15 ta' Gunju 2010 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 18 ta' Gunju 2010 fejn irriappuntat dan l-appell ghas-smigh ghad-9 ta' Novembru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta' Novembru 2010 quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Carmelo Grima ghall-Kummissarju tal-VAT u Dr. Kevin Camilleri Xuereb ghall-appellat Sciberras. Id-difensuri trattaw l-appell. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta pacifiku li l-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami huma li fis-sena 2004 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (KTVM) kien hareg zewg stejjem (provizorji u definittivi). Wahda ghall-perjodu Awwissu 2001 sa Lulju 2002 ghal €1,235.08 u ohra ghall-perjodu Awwissu 2002 sa Lulju 2003 ghal €5,012.90.

Illi sussegwentement il-KTVM minn jeddu u qabel ma sar appell fuqhom mit-*taxpayer* ghazel li jikkancella tali zewg stejjem u rega' ghadda sabiex hareg stejjem identici (kemm provizorji u kemm definittivi) rigwardanti l-istess perjodi, izda b'varjazzjoni fic-cifri ezigibbli. L-istejjem provizjorji kienu nhargu fil-21 ta' Mejju 2005 u gew notifikati fl-1 ta' Gunju, 2005.

Illi l-persuna, l-appellat Sciberras, ntavola zewg appelli minn tali stejjem (appelli numri 81/05 u 86A/05) u b'decizjoni datata 2 ta' Ottubru 2007 il-Bord kien iddecieda li l-istejjem definittivi (izda mhux dawk provizjorji (Ara decizjoni tal-Bord (fl-appelli nri. 29/08 u 29A/08) a pagina 6 taghha fejn il-Bord specifikatament iddikjara illi n-nullita` kienet dwar l-istimi definittivi), kienu nulli u bla ebda effett *stante* li nhargu in vjolazzjoni tal-**artikolu 32 (3) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta**, ghaliex inhargu prematurament qabel it-30 jum min-notifika ta' dawk provizjorji.

Illi minn tali decizjoni l-Kummissarju ma appellax skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 47 tal-Kap. 406** u ghaldaqstant dik id-decizjoni tal-Bord ghaddiet in gudikat.

Illi sussegwentement fis-sena 2008, u ghat-tielet darba, il-Kummissarju rega' hareg stejjem provizjorji u ohrajn definittivi fuq l-istess materja, ammonti u perjodi ta' taxxa. L-istejjem provizorji gew entrambi u simultanjament notifikati lill-appellat fid-9 ta' April 2008, filwaqt li l-istejjem definittivi gew notifikati separatament, wahda fit-18 ta' Awwissu u l-ohra fis-26 ta' Settembru tas-sena 2008.

Illi l-istejjem msemmija fil-paragrafu precedenti huma s-suggett tal-proceduri prezenti wara li l-Bord iddecieda illi l-istejjem definittivi kienu inammissibbli, invalidi u ineffikacji galadarba l-Kummissarju kien tardiv meta rega' hareg l-istess (dekorriment tas-sitt xhur skont l-**artikolu 32 (3) tal-Kap. 406)**. Ghalhekk sar l-appell odjern mill-appellant KTVM.

Illi jirrizulta li l-appell odjern tal-KTVM huwa mhux tant dwar id-decizjoni dikjaratorja tal-Bord dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud (il-Bord) li jannulla l-istimi definittivi li nhargu dwar fis-sena 2008 relattivi perjodu hawn indikati, izda qed isostnu li b'tali dikjarazzjoni gew annullati u resi nulli u bla effett mhux biss l-istejjem definittvi mahruga minnu izda wkoll l-istejjem provizorji li pprecedewhom.

Illi ma` dan l-appellat ma jaqbilx u jsostni li n-nullita' fid-decizjoni tal-Bord ghandha tapplika biss ghall-istejjem

definittivi relattivi, ghaliex in-nullita’ ghandha biss ikollha effett ghall-att annullat u ghal dak kollu li kienu gara wara, izda mhux ghall-atti li ma jkunu hargu qabel.

Illi f’dan il-kuntest hija relevanti d-decizjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **“Charles Vella noe vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud”** (A.I.C. (PS) - 11 ta’ Dicembru, 2009) fejn inghad:-

*"Hu del resto principju rikonoxxut fil-kamp civili u accettat bhala wiehed logiku guridiku illi n-nullita` tolqot l-att li jkun sar u l-atti l-ohra successivi ghalih izda mhux ukoll li dik l-istess nullita` tigi trasmessa ghal dawk l-atti l-ohra anterjuri ghax dawn ghandhom jibqghu jikkonservaw l-identita` formali u specifika taghhom u, ukoll, l-effetti guridici awtonomi li jinzlu minnhom. Li jfisser, allura illi ma jkunx hemm lokha r-rinnovazzjoni ta’ dak l-att mhux milqut minn nullita`”.*

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma’ dawn il-principji w dan anke skont dak li jipprovdi **artikolu 98 tal-Kap. 12** u abbazi tal-premess thoss li tali dikjarazzjoni ta’ nullita’ tal-istejjem definittivi ddikjarata mill-Bord qed tapplika biss ghal dawk li huma stejjem definittivi, liema stejjem definittivi gew iddikjarati nulli ghaliex kienu huma li ma sarux fit-termini ndikati perentorjament fl-**artikolu 32 (3) tal-Kap. 406.** Ma kien hemm u ma inghatat ebda raguni ghaliex minn naha l-ohra l-istejjem provizorji kellhom jigu ddikjarati nulli u fil-fatt hadd u mkien ma inghad li tali stejjem provizorji ma sarux skont il-ligi u b’hekk ma jistax jinghad li kienu nulli, u hadd ma talab li tali dikjarazzjonijiet provizorji jigu ddikjarati nulli. Lanqas isegwi, wkoll in vista ta’ dak fuq dikjarat dwar l-effett ta’ nullita’ tal-atti, li tali nullita’ ghandha testendi ghal dak precedenti ghal dak tal-att jew l-atti annullati u ghalhekk fuq din il-bazi certament li l-appell tal-appellanti odjern ma jistax u mhux qed jigi akkolt.

Illi izda hemm izjed minnhekk peress li jirrizulta li mill-istess decizjoni **“Charles Vella noe vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud”** fejn gie spjegata l-ligi

f’dan ir-rigward f’dak li huwa hrug mill-appellant ta’ stejjem provizorji u definittivi tant li nghad li:-

*“Huwa fatt illi skont ma jiddixxendi mill-**Artikolu 32 tal-Kapitolu 406** l-process relattiv ghall-hrug ta’ stejjem, fil-kaz li l-Kummissarju jkollu ghaliex jahseb li d-denunzja tat-taxxa ma jkunx fiha dikjarazzjoni shiha u korretta, tippartecipa minn zewg stadji separati (i) il-hrug ta’ stejjem provizorji, hekk intiz ghall-iskop li jaghti opportunita` lill-persuna registrata li tressaq l-obbjezzjonijiet taghha u possibilment tassikura l-varjazzjoni taghhom, u (ii) il-hrug ta’ stejjem definittivi u finali u li, skont is-subinciz (3) tal-imsemmi artikolu, jridu jinhargu mhux anqas minn 30 jum u mhux aktar minn 6 xhur minn notifika tal-istimi provizorji. Din ir-riklassifikazzjoni tal-process qieghda appozitament issir mill-Qorti b’introduzzjoni ghall-mistoqsija fundamentali li evidentement tinsorgi dwar jekk in-nullita` dikjarata tal-istejjem bis-sentenza tal-Bord ... kinetx tikkolpixxi simultanjament sew l-istejjem finali li fuqhom ikun sar l-appell mill-persuna registrata, sew ukoll dawk l-ohra provizorji.”*

Illi ghal dan il-kwezit l-istess Qorti fl-istess decizjoni sostniet li:-

*“Il-Kummissarju appellat jargumenta li hekk kien il-kaz tant li rega’ hareg sew stimi provizorji sew dawk finali. Ma` dan l-argument din il-Qorti rispettosament ma taqbilx. In-nullita` profferita mill-Bord kienet wahda limitata ghall-istejjem finali ghax fuq dawn kien sar l-appell u kwindi dik l-istess nullita` ma setghetx tivverbera ruhha b’xi estensjoni taghha fuq l-istimi provizorji li kienu u baqghu validi u effettivi.”*

Illi fil-fatt din hija d-decizjoni li kkonferma l-Bord fis-sentenza mertu ta’ dan l-appell u dan huwa ghal kollox konsistenti ma’ dak li nghad fis-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **“D & S Import/Export Ltd. vs Il-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud”** (A.I.C. (PS) – 13 ta’ Frar 2009, fejn gie sostnut li l-Kummisarju ghandu dritt li johrog stejjem godda izda hawn huwa limitat f’dak li jipprovdi l-**artikolu 32 tal-Kap. 406** f’dak li huwa zmien u jekk ikun

hemm decizjoni ta' l-appell skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 35 tal-Kap. 406** u hawn il-kaz kien jittratta kancellament ta' stima definittiva mill-Kummissarju stess proprju ghaliex sostna li *"ma kinitx harget stima provizorja qabilha".* Ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Joseph Gauci vs Il-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) – 28 ta' Novembru 2008). Dan il-kaz odjern jiddistingwi ruhu mill-kaz deciz fl-ismijiet **"Queen's Pastizzerija Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2004) ghaliex f'dik is-sentenza kienet qed titratta dwar stimi li gew irtirati mid-Dipartiment stess u minnu kancellati.

Illi dan ir-ragunament isegwi l-istess id-decizjoni li inghatat fil-kaz **"Ballut Blocks (Services) Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) – 26 ta' Marzu 2010) fejn inghad li:-

*"1. B'mod l-aktar evidenti jmiss lill-Kummissarju li johrog stejjem provizzorji ghax ma jkunx sodisfatt minn dak iddenunzjat lilu jew jkun sodisfatt mill-kuntrarju. Fil-kaz in specje dak li induca lill-Kummissarju johrog l-ewwel sett ta' stejjem provizorji fit-22 ta' Frar, 2006 kien ir-rapport tat-Tax Compliance Unit dwar limea kopja tieghu tinsab esebita fl-atti;*

*"Ezercitata minn d-diskrezzjoni lilu konferita mill-ligi permezz tal-hrug ta' stejjem provizorji, debitament notifikati, hu mistenni li dik l-istess dikjarazzjoni vestita fil-Kummissarju tissokta tigi mhaddma skont id-dettami ta' l-istess ligi u bl-istess mod regolari. Dan fis-sens li hu jgahddi ghan-notifikazzjoni ta' l-istejjem bil-mod u fil-limitu preskritt. Tali stejjem finali jridu jixxiebhu ghal dawk provvisorji, salv fejn ikun xort'ohra permissibbli in raguni ta' xi arrangament milhuq mal-persuna registrata jew ghal xi varjazzjonijiet ohra. Dan dejjem pero' fil-kaz ta' l-istejjem finali u mhux ukoll dawk provizorji".*

Illi hawn terga' ssir riferenza ghas-sentenza **"Charles Vella noe vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) - 11 ta' Dicembru, 2009) fejn inghad li:-

*"Tradott ghal kaz in ispecje dan ghandu necessarjament u ragonevolment ifisser illi l-istejjem provizorji, la ma kienux huma wkoll affettwati minn nullita` ddikjarata, kellhom jibqghu jissussistu. Dik is-sussistenza taghhom kienet timplika, imbaghad, il-verifika ta' kull preskrizzjoni (rettament dekadenza) li l-persuna registrata setghet topponi ghall-istejjem* ex novo *emessi, u dan in virtue` ta' dak dispost fis-***subinciz (3) tal-artikolu 32***."*

Illi ma` dan, l-istess decizjoni qalet li:-

*"kieku ghall-grazzja tal-argument jigi ragunat xort'ohra, dik l-interpretazzjoni diversa tinzel comb fuq ras il-persuna registrata li jkollha,* nolens volens, *tissubixxi l-qaghda abbissimali u perenni li ma jkollha qatt, jghaddi kemm jghaddi zmien, ic-certezza tal-posizzjoni fiskali taghha fir-rigward tal-perjodi specifici ta' taxxa. Ma jidhirx li qaghda bhal din tista' qatt taskrivi ruhha ghal dik il-volonta` tal-legislatur li ddetta l-ligi. Fic-cert zgur ma taspirax ghal dik il-korrettezza fiskali li hu dejjem mistenni li jissussisti fir-rapport bejn taxpayer u l-Fisco."*

Illi jidher li l-Bord fid-decizjoni tieghu hawn impunjata applika dawn il-principji fis-sens li qaghad attent sabiex jafferma l-posizzjoni legali li kullhadd huwa soggett ghall-ligi u bhala min ghandhu jhallas it-taxxa ghandu jossrva t-termini imposti fuqu, hekk ukoll l-istess Kummisarju ghandu jaghmel, u kull interpretazzjoni ohra tkun ingusta, u jekk mhux applikata bl-istess mod maz-zewgt partijiet taghti vantagg lill wiehed fuq l-iehor. Hekk f'dan il-kaz jekk jigi koncess dak li qed isostni l-appellant ikun ifisser li jkun qed irendi t-termini imposti fl-**artikolu 32 tal-Kap. 406** bhala ineffikaci ghalih, b'mod li jonhoqu ingustizzji ghat-*taxpayer.*

Illi f'dan l-istadju huwa opportun li jidi ridabadit dak li gie dikjarat fis-sentenza **"Ballut Blocks (Services) Limited vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS)  ta' Marzu 2010) fis-sens:-

"... *din il-Qorti, kif drabi ohra senjalat minnha, temmen li r-rapport bejn taxpayer u l-Fisco ghandu jkun dejjem karatterizzat mir-rispett tan-normi tal-ligi li jiddixxiplinaw dak l-istess rapport fiskali biex ebda parti ma tittanta tabbuza minnhom. Jekk allura, wisq korrettement il-Fisco jesigi minghand it-taxpayer ottempranza rigida u shiha mal-provvedimenti tal-ligi, hekk ukoll hu mistenni li l-istess Fiscojadotta huwa stess ghalih, bhal mod ta' mgieba, l-istess atteggjament irrigidit u fidili mad-dettami tal-ligi."*

Illi ghalhekk l-appell propost mill-appellanti l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed jigi michud.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 18 ta' Mejju 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud** fir-rikors tieghu datat 18 ta' Mejju 2010 bhala infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi b'dan li tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud tal-21 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet **"George Sciberras vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud"** (Appelli Numri 29/08 u 29A/08) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti l-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------